A.L. 361 ta' l-2009

ATT DWAR IL-MEDIĊINI
(KAP. 458)

Regoli ta' l-2009 dwar l-Għoti ta' Oseltamivir u Zanamivir miċ-Ċentri tas-Saħħa fi ħdan is-Servizzi tas-Saħħa tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 79(2) ta' l-Att dwar il-Mediċini, l-Awtorità dwar il-Liċenzi għamlet dawn ir-regoli li ġejjin:

Titolu u bidu-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2009 dwar l-Għoti ta' Oseltamivir u Zanamivir miċ-Ċentri tas-Saħħa fi ħdan is-Servizzi tas-Saħħa tal-Gvern.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jibdew iseħħu minnufih u għandhom jibqgħu japplikaw sat-30 ta' Ġunju, 2010.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Mediċini;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar il-Liċenzi mwaqqfa taħt l-Att;

"Ċentru tas-Saħħa" tfisser kull fond imsemmi mis-Suprintendent biex jipprovdi kura tas-saħħa lill-pubbliku, u "klinika" għandha tiftiehem skond hekk;

"infermier anzjan" tfisser infermier responsabbli għat-tmexxija taċ-Ċentri tas-Saħħa ;

"riċetta" tfisser riċetta medika maħruġa minn professjonist li jkollu l-kwalifiki li joħroġ riċetti għal prodotti mediċinali skond l-Att jew taħtu;

"is-Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Għoti ta' prodotti mediċinali mill-infermier anzjan jew minn tabib.

3. Il-prodotti mediċinali Oseltamivir jew Zanamivir għandhom jiġu provduti biss mill-infermier anzjan jew minn tabib lil dawk il-pazjenti li jattendu fiċ-Ċentri tas-Saħħa jew fi klinika u li jippreżentaw riċetta għal dawk il-prodotti mediċinali.

Funzjonijiet ta' l-infermier anzjan jew tat-tabib.

4. L-infermier anzjan jew it-tabib għandhom:

(a) jipprovdu biss il-prodotti mediċinali msemmija fir-regola 3 direttament lir-rappreżentant tal-pazjent li jkun qed jattendi fil-klinika, jekk dak ir-rappreżentant ikun għalaq it-18-il sena;

(b) jiddispensaw biss dawk il-kwantitajiet li jkunu jenħtieġu għall-perjodu speċifikat fir-riċetta;

(ċ) iżommu dawk id-dettalji dwar l-għoti tal-prodotti mediċinali hekk kif is-Suprintendent jista' jistabbilixxi; u

(d) jieħdu kull prekawzjoni raġonevoli biex jiżguraw li l-prodotti mediċinali jinħażnu u jiġu dispensati kif imiss.